MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-2 ta' Frar, 2015

Numru. 353/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**John Vella**

**Kumpilazzjoni Nru: 353/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John Vella, ta’ 67 sena, bin Francis u Evelyn nee’ Zahra, imwieled Hamrun fit-22 ta’ Awwissu 1947, residenti fil-fond numru 175, Casfen Court, Flat 13, Penthouse, Triq Sir Luigi Preziosi, San Pawl il-Bahar Malta u detentur tal-karta ta’ l-identita’ b’numru 730447(M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer waqt li kien fi Triq Sir Luigi Preziosi, San Pawl il-Bahar Malta, fit-02 ta’ Dicembru 2013 ghal habta tas-06:20 ta’ filghaxija, volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe’ giref vettura numru ICE685, ta l-ghamla Toyota liema hsara tiswa aktar minn €116.47 izda inqas minn €1,164.69 ghad-detriment ta’ Bradley Attard ID: 310585M u/jew persuni ohra.

F’kaz ta’ htija l-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti ta’ Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Rat l-artikoli 49, 50 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi permezz ta' dan il-kaz qed jigi allegat li l-imputat, volontarjament, ikkawza hsara f'vettura propjeta ta' certu Bradley Attard meta din kienet ipparkjata f'Triq Luigi Preziosi San Pawl il-Bahar.

Illi skond Bradley Attard fil-gurnata in ezami huwa kien ipparkja l-vettura tieghu fit-triq imsemmija u mar ghand Macdonalds; hemm hu ra lill-imputat. L-imputat u Attard kienu jafu lil xulxin peress li habib ta' Attard (certu Dominic Micallef) kien joqghod f'l-istess blokk ta' appartamenti fejn kien joqghod l-imputat; Attard kien ipparkja l-karrozza tieghu hdejn ir-residenza ta' l-imputat u Micallef. Attard jispjega li huwa nnota lill-imputat hiereg minghand Macdonalds u hu hareg xi hames minuti warajh u mexa lejn Triq Preziosi. Hekk kif wasal xi ghoxrin pass 'l boghod mill-karrozza tieghu Attard ra lill-imputat jsakkar il-karrozza, jimxi lejn il-karrozza tieghu[1], u bic-cwievet li kellu f'idu l-leminija jobrox il-genb tal-vettura tieghu (cioe ta' Attard). Hekk kif ra hekk Attard waqqaf lill-imputat u staqsih ghalfejn ghamillu hekk. Dak il-hin bdew jargumentaw verbalment u Attard cempel lill-pulizija; jidher li l-pulizija ma setghux imorru fuq il-post minkejja telefonati ohra ta' Attard. Peress li l-argument bejn iz-zewg partijiet kien qed jeskala l-pulizija ddirigew lil Attard biex mur l-ghassa; huwa hekk ghamel.

Illi l-imputat xehed quddiem il-Qorti. Huwa jghid li fil-lejl in ezami kien ghand Macdonalds u nota li Attard kien qieghed hemm ukoll. Ra lil Attard jitlaq u xi ftit wara telaq hu ukoll; jghid li Attard kien qieghed bil-miexi fil-waqt li hu kien bil-karozza. Jkompli jispjega li pparkja hdejn id-dar tieghu; sakkar il-karozza u ghalaq il-mirja u tela' fuq il-bankina biex jidhol id-dar meta sema lil Attard jghajjatlu u jghidlu li kien rah jobroxlu l-karozza. L-imputat fil-waqt li jghid li l-vettura ta' Attard dejjem tinzamm f'garaxx, jinnega li huwa barax jew b'x mod iehior ghamel hsara fiha. Attard jammetti li ftit ta' zmien qabel dan l-incident kien hemm disgwid bejnu u l-habib ta' l-imputat Dominci Micallef.

[1] Iz-zewg vetturi (cioe dik ta'l-imputat u ta' Attard) kienu ipparkjati wahda wara l-ohra, dahar ma' dahar.

Illi xehed ukoll l-imsemmi Domenic Micallef, li b'kumbinazzjoni jahdem bhala panel beater. Dwar l-incident fih innifsu ma jaf xejn ghaliex huwa ma kienx hemm dak il-hin pero kien hu li sewwa l-karozza u qal li l-hsara kienet tammonta ghal €245.00. Hu ukoll jispjega li kien hemm disgwid bejnu u l-imputat fil-passat.

Illi huwa car li hemm kunflitt fil-provi fis-sens li l-unika xhieda ta' l-incident huma l-imputat u Attard u dawn jaghtu verzjonijiet kunfliggenti.

Illi pero kunflitt fil-provi mhux necessarjament ghandu jwassal ghall-liberatorja. Huwa ben stabbilit li l-Qorti hija obbligata tevalwa x-xhieda u tiddeciedi hekk ghandhiex temmen lil wiehed jew lill-iehor u f'xiex ghandha temminhom.

Illi l-Qorti, li kellha l-opportunita tara u tisma liz-zewg paritjiet koncernati jiddeponu, u wara li hadet il-provi kollha prodotti in konsiderazzjoni hija konvinta li tista taghti kredibilita lill-verzjoni mghotija minn Bradley Attard.

Illi konsegwentment fil-fehma tal-Qorti l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija sodisfacjentement pruvata. Ghandu jigi rilevat f'dan ir-rigward li wara l-emendi ricenti f'l-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 l-imputat ghandu jinstab hati taht is-subartikolu (1)(c).

Illi dwar it-tieni imputazzjoni ghandu jigi rilevat li ma gewx esebieti xi sentenzi li fuqhom l-prosekuzzjoni setghet kienet qed tibbazaha; ghalhekk din l-imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha wara li rat l-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikou 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmlix reat iehor fi zmien sitt xhur u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 24 ta’l-istess Kapitolu 446 tordna lill-imputat biex fi zmien xahar ihallas lill-parte civile s-somma ta’ €245.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sitt xhur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------